# NITKELLMU MA' SALV SAMMUT

## SALV SAMMUT HUWA MAGĦRUF SEW FIX-XENA LOKALI GĦAR-RUMANZI U NOVELLI TIEGĦU, BL-AĦĦAR RUMANZI TIEGĦU "LADY M", "ATTENTAT" U "WAQTIET".




1. Salv, dan l-aħħar inti tajtna 3 kotba ġodda, pubblikazzjoni Horizons. Ngħidlek is-sew għad irrid naqrhom u inti tissuġġerixxi li jinqraw f'din l-ordni: "Lady M", "Attentat" u "Waqtiet". Għal dawn ir-rumanzi inti żammejt l-istess stil għall-qoxra u indikajt li fihom wieħed ser jesplora temi komuni fosthom:

· kriminalità u esplojtazzjoni

· romantiċiżmu f'imħabba ġenwina

· tradiment ta' fiduċja

· sfruttar u qtil ta' tfajliet bla ħtija

· sens ta' dover li jogħla fuq kollox

· diżappunt u qawmien mill-ġdid

Jidher li bħal kotba oħra tiegħek, ser inkunu qed nistenew taħlita ta' emozzjonijiet. Qabel xejn kif tqabbel dawn ir-temi ma' dawk li joħorġu fil-kotba l-oħra tiegħek li wkoll ser niddiskutu f'din l-intervista?

T. F'dawn it-tliet rumanzi hemm kontinwità bejn il-ġurnalist investigattiv u l-Ispettur tal-pulizija li dawn il-karattri dehru l-ewwel darba fir-rumanz "Id-dar ta' ħdejn il-baħar". Il-qoxra ta' kull rumanz inħalliha flid professjonali tal-Horizons. It-tema ta' kull rumanz tittratta l-ħajja soċjali ta' kuljum tal-ħlejqa umana, pereżempju d-dgħufija u l-qawwa tar-rieda, il-waqgħat u l-qawmien mill-ġdid u l-imħabba bl-emozzjonijiet kollha tagħha.

2. X'inhi r-rabta bejn dawn it-tliet stejjer? Inkun qed ngħid sew jekk ngħid li nibtu kollha fl-istess ħin?

T. Ir-rabta li teżisti bejn dawn it-tliet rumanzi huma d-dover tal-karattru ewlieni flimkien mar-rieda għas-sewwa u l-ġustizzja kif ukoll l-indħil politiku. Fihom ukoll is-sens ta' altruwiżmu u mħabba ġenwina ma' dik mhix ġenwina. Dawn ma nkitbux kollha f'daqqa imma f'perjodi differenti. L-aħħar wieħed inkiteb biex ikun jista' jiddaħħal fit-triloġija li xtaq il-pubblikatur.

3. L-ewwel ktieb tiegħek kien "Fid-Dell tal-Pellikan", pero' sakemm ma wieħed ma jkunx iffurtunat li għad għandu l-kopja, tajjeb li ngħidu li d-Dar tal-Pubblikazzjoni Horizons reġgħu ħarġuh fl-2017. U reġa' kien suċċess. Dan huwa rumanz soċjo-morali bil-karattru prinċipali fil-fehma tiegħi huwa Fr Daniel, saċerdot ħabrieki li jmexxi għaqda taż-żgħażagħ, pero' fl-istess ħin naraw il-kunflitt li kellu minħabba n-normi soċjali. Ellul Mercer kien naturalment wieħed minn tal-ewwel li tratta din it-tema lokalment imma inti tajtha bixra differenti u fis-snin tmenin, ngħid jiena xxukajt xi ftit ukoll. Kemm taqbel ma' dan li qed ngħid?

T. L-ewwel rumanz kien "Staqsi lir-riħ" u warajh ġie "Fid-Dell tal-Pellikan" li temmejtu mill-kitba fis-sena 1982 u dam jistenna l-pubblikazzjoni tiegħu sas-sena 2017 minn Horizons. Nistqarr li meta fis-sena 1982 ħadtu għand Pubblikatur magħruf, dan irrifjutah. Kien inqara fuq Xandir Malta minn Charles Arrigo u kellu protesti meta żar Birkirkara. Imbagħad inqara wkoll fuq One Radio minn Etienne Schembri. L-għan tiegħi f'dan ir-rumanz kien li saċerdot mhuwiex il-bniedem qaddis ta' bla dnub kif konna nqisuh fi ċkuniti. Imma huwa taddemm u l-laħam li jidneb u jindem u kemm kienet eħfef għalih li jiġġudika meta faċilment ġie huwa stess il-mixli.

4. Sa minn dan l-ewwel ktieb toħroġ qawwija s-senswalita', d-deskrizzjonijiet u fl-istess ħin tħabbatha ma' awturi barranin mil-lat li kont ewlieni biex tkisser il-ħitan taċ-ċensura bil-qawwa tal-pinna. Qatt ma bżajt tindirizza temi kontroversjali. Fix-" Ix-Xirka tal-Beati Paoli" ngħidu aħna nsibu reliġjużi pedofeli li jabbużaw minn minorenni. Fir-rumanz li semmejna, "Fid-Dell tal-Pellikan" għandna żewġ temi, l-abort u ċ-ċelebat li għadhom wisq għażiża speċjalment mal-poplu Malti tant li huwa taboo li nitkellmu dwarhom. Ovvjament ma nistgħux ma nsemmux "Sister Clara", rumanz li kiseb suċċess kbir, dwar tfajla li ġiet abbużata u l-impatt li ħalla dan fuqha, fejn inbidlet f'mara midinba u soru altruwista fl-istess ħin fi kriżi biex tpatti għal dnubietha. X'tgħidilna dwar dan?

T. Iċ-ċensura għandha tkun biss fil-kitba li tirriflettti malafama jew assassinju tal-karattru tal-individwu. Nemmen li għandu jkun hemm ħelsien sħiħ fil-ħsieb mitkellem u fil-ħsieb miktub. M'għadux iż-żmien tan-Nihil Obstit li kien it-timbru ekkleżjastiku li joħroġ mill-Kurja biex ktieb jista' jiġi pubblikat. Fl-era tal-lum ta' progress u pluraliżmu m'għandniex nibżgħu nitkellmu u niktbu fuq temi kontroversjali li konna nqishom tabù bħall-abort. Ir-rumanz SISTER CLARA ġabli suċċess kbir għax ma bżajtx nuri n-negattiv u l-pożittiv fih.

5. Tajjeb li ngħidu wkoll li waqt li ma tillimitax ruħek fl-arti tiegħek, fl-istess ħin qatt ma' taqa' fil-vulgarita' jew fil-populiżmu.

T. Kittieb tajjeb u validu m'għandux ikun vulgari biex jikseb popolarità. Is-senswalità sesswali għandha tidħol b'mod naturali. Il-Prof Oliver Friggier kien kitibli għar-rumanz SISTER CLARA "Il-maturità tan-narratur tidher l-aktar fin-naturezza tad-dħul fir-reġistru vulgari f'kuntest li mhu qatt vul-